MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Numru 266/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR NORBERT CIAPPARA**

**KONTRA**

**RICHARD BORG ta' 37 sena, imwieled Tal-Pieta' nhar it-3 ta' Awwissu, 1970, bin Carmelo u Antonia nee' Guzman, residenti fil-fond numru 102, Flat 10, Triq San Duminku, Valletta, detentur tal-karta tal-identita' numru 351170M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Richard Borg li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-31 ta' Lulju, 2007 f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tiehgu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta'

awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-Disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Oridnanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), u tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Wara li rat l-Ordni tal-Avukat Generali a fol 2 tal-process sabiex Richard Borg jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi kontra tieghu u ghal ksur tal-Provediment tal-istess Ordinanza.

Ikkunsidrat:

Illi Richard Borg inqabad b'disa' pakketti eroina, tal-piz u maqsuma kif jidhru fir-relazzjoni ta' Godwin Sammut DOK GS a foglio 90 et sequitur tal-process;

Illi kemm a tempo vergine kif ukoll fix-xhieda tieghu moghtija viva voce quddiem din il-Qorti, huwa ammetta l-pussess ta' l-imsemmija droga jew baqa' nsistenti li din, meta gie maqbud mill-pulizija, kien ghadu kif jixtriha …..l-prezz ta' Lm40.00, li ghalih kien prezz tajjeb u xtraha ghall-uzu personali tieghu. Innega b'mod katergoriku illi huwa kien fil-pussess ta' din id-droga biex jittraffika l-istess, cioe' li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Prosekuzzjoni bid-domandi taghha ppruvat twassal lill-akkuzat li jammetti li bil-flus li kien jircievi bhala beneficcji fil-gimgha, cirka Lm50.00 fi ……, ma setax isostni vizzju tad-droga versu almenu Lm15.00 kuljum. Illi certament dan fatt matematiku, tali ammont globali riceventi mill-akkuzat fil-gimgha, mhihx bizzejjed biex isostnieh gol-vizzju tieghu gurnaljeru. Ikkonfrontat b'dan il-fatt matematiku Richard Borg, piuttost laghbha li mhux qed jifhem dak li qed jintqal lilu jew baqa' nsistenti li hu qatt ma biegh droga.

Huwa anki stramb il-prezz li Richard Borg baqa' jinsisti li ghalih xtara d-droga fl-ammont fuqu misjub, biss ghal Lm40.00 meta huwa tkellem u xehed li kien jixtri pakketti tal-Lm5.00 u Lm10.00. Daqstant iehor stramb kif kienet giet imqassma d-droga go qratas ta' ammont kemmxejn ugwali, hlief ghal tnejn mill-qratas. Stramb ukoll il-fatt illi ghal bniedem li kien ghadu kif jixtri l-istess qratas, dan skond ix-xhieda ta' PC 300 Warren Vella u PC 345 Mark Cremona, dawn kienu ftit f'idu meta suppost kien qiehged jixtri kebab, u t-tnejn ta' piz akbaar gol-pakkett tar-Rothmans.

Ghaldaqstant, din il-Qorti ssib lil Richard Borg hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu wara li rat

Rat ukoll l-Artikolu 22(2)(1)(b) tal-Kapitolu 101;
Rat l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn (2) u ghal multa ta' Lm1,000.00 (elf lira maltin), ekwivalenti ghal €2,330.00 (elfejn tliet mija u tletin Ewro). Rat l-artiklu 14 tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta' Malta u tawtorizza l-hlas tal-multa jsir wara li tkun skontanta l-piena karcerarja.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------